# FIFRA, ŻUMMARA U ŻAQQ



Hi ħasra kbira tassew li numru ta' Maltin qatt ma għarfu jgħaddu lil ta' warajhom is-snajja' u t-tradizzjonijiet li kien hawn f'pajjiżna, u ppreferew li l-għarfien tagħhom jindifen magħhom milli jagħmlu l-almu u jgħaddulhom il-patrimonju. Dan seta' ġara għax forsi beżgħu li jeħdulhom is-sengħa u l-qligħ, jew anke minħabba illi ħadd ma ħa interess. Eżempju tipiku ġara lill-fifra, liż-żummara u liż-żaqq, li issa donnu reġa' hawn min jixtieq jagħtihom il-ħajja mill-ġdid.

Għal din l-intervista, il-***KullĦadd*** tkellmet ma' Francesco Sultana, restawratur u li fil-ħin tiegħu għandu l-passatemp tal-istrumenti tradizzjonali Maltin.

**Minn Charles B. Spiteri**

**Kemm imorru lura fiż-żmien dawn l-istrumenti?**

Hemm ħjiel li xi wħud minnhom ġew fi żmien l-Ordni ma' komunitajiet Griegi u huma eqdem mill-istrumenti kollha li nafu llum. Fosthom għandna ż-żaqq (bagpipes), il-flejguta jew il-fifra, li hi l-flawt, u ż-żummara. Fiha nnifisha ż-żummara ma kinitx strument ta' melodija sakemm ma kinitx tiġi żviluppata.

Fl-ewwel dizzjunarju li nkiteb mill-Malti għat-Taljan mill-Kavallier Thesan (1640), iż-żummara nsibuha bit-Taljan bħala *trombettina di paglia*, għax kienet tinħadem mit-tiben.

**Għax dawn l-istrumenti huma kollha maħduma mid-dinja agrarja, hux hekk?**

Iva, u huma ta' komunitajiet rurali. Iż-żummara kienu jagħmluha t-tfal, tant li d-dizzjunarju jgħid li kienet *fatta dai bambini*. U probabbli, li ż-żummara, kienet magħrufa wkoll bħala bedbut. Din mhi xejn għajr il-kelma Maltija għal reed (qasba) bl-Ingliż. Il-qasba hi bħalma jaħdem il-klarinett jew is-saxaphone. Illum il-ġurnata tixtri l-qasba, twaħħalha fuq l-istrument u xħin tonfoħ fiha taqbad tbedbet. Fl-antik kont taħdimha inti u ma kinitx tinħtieġ preċiżjoni, għax dak iż-żmien l-importanti li l-istrument jagħmel ħoss.

**U terġa' dawn l-istrumenti ma kinux għall-banda.**

Le. Kien ikun hemm komunità rurali fl-għelieqi, fejn l-irġiel kienu jew raħħala jew bdiewa. Kien ikollhom aċċess għall-materjal naturali u organiku, maħdum lest. Tul il-jum kellhom ħafna ħin ta' stennija – min jistenna l-merħla tirgħa; min jistenna l-ħaxix jikber u għalhekk ħafna minnies kienu jedhew b'dawn it-tradizzjonijiet tal-istrumenti. Naturalment ir-raħħala, kienu jintasbu ħdejn xi qatgħa qasab, li hu materjal mill-aqwa għall-istrumenti għax hu vojt minn ġewwa, u jintefgħu jaħdmu xi flejguta jew fifra, jew suffara tal-pluvieri.

**Dan li qed nirrakkuntaw iqarreb lejn l-1200?**

Le, bħala għarfien ta' dawn l-istrumenti qed immorru għall-ħabta tal-1700. It-teknoloġija tmur ferm aktar 'il bogħod. Madankollu, dak iż-żmien ħadd ma kien jikteb u għalhekk m'għandniex ċertezza ta' x'sar eżatt qabel l-1700. Li qed ngħidlek hu li milli kiteb de Soldanis, li ġie aktar tard, isemmi l-probabbiltajiet milli sema' u milli qalulu. De Soldanis kiteb ukoll li wħud minn dawn l-istrumenti, bħalma hi l-lira, setgħu ġew mill-komunitajiet Griegi. Sfortunatamnet, il-lira nqerdet għalkollox.

Kif għedna, dawn kienu strumenti li ssib il-materjal għalihom b'mod faċli, bħall-qasab, il-qrejjen u l-ġlud tal-annimali, li toqtol u tiekol minnhom u b'hekk kollha huma materjali li bihom tagħmel xi ħaġa.

**Temmen li din it-tip ta' mużika tradizzjonali ġiet b'kumbinazzjoni?**

Waħda mill-affarijiet l-aktar normali li jintefgħu jagħmlu n-nies meta jkollhom il-ħin liberu hi l-mużika. Naħsbu wkoll li sibna xi sejbiet preistoriċi ta' xi flawti maħdumin mill-għadam. Jiġifieri l-bniedem minn dejjem sab xi ħaġa x'jivvinta mill-affarijiet li jkollu madwaru. U jekk immorru lura 400 sena ilu, f'Malta kien hawn dawn il-komunitajiet, li bl-affarijiet li kellhom kienu joħolqu dawn l-istrumenti.

**Iżda kemm nistgħu ngħidu li dawn l-istrumenti primittivi huma Maltin?**

Il-fifra Maltija m'hemm xejn x'jagħmilha Maltija. Tara flawt ieħor tat-Tuneżija jew ta' Sqallija jew tal-Greċja, għandhom l-istess tip ta' teknoloġija u m'hemmx qies fiss. Jiġifieri jekk int, dak il-ħin, idejk tawk biex tagħmel wieħed ta' tliet pulzieri flok ta' sitta, tagħmlu, għax biex tgħaddi l-ħin. Iddoqq ftit bih u tarmih. L-oġġett jieħu t-timbru li hu Malti meta jiġġedded fis-snin tal-użu tiegħu u jsir parti mill-wirt kulturali, ngħidu aħna li tindaqq f'ċelebrazzjonijiet reliġjużi bħal fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira jew fil-Karnival.

**Iż-żaqq hi bagpipe, iżda għaliex ngħidulha żaqq? Ma fihiex stonku jew żaqq tal-annimal.**

Probabbli, ngħidulha żaqq, mis-Semitiku għax xi darba l-'q' kienet 'k' fil-Malti. Issa Zakk bil-Għarbi hi borraccia bit-Taljan; dak il-flixkun talġild għall-ilma, li tixrob minnu meta tkun fid-deżert u jaqbdek l-għatx. Jiġifieri naraw ir-rabta bejn dan il-flixkun u ż-żaqq, għax it-tnejn fihom il-ġild. Jiġifieri hemm ċans li l-isem ġej mis-Semitiku, għax tfisser il-ġild tal-ilma. Issa bl-istess mod, f'bagpipe għandek il-bag (il-ġild) u n-nofs l-ieħor il-pipe (li hu l-istrument).

Bil-Malti l-istrument għandu l-isem ta' saqqafa, li tkun magħmula mill-qasab u din tiddaħħal fil-ġild. Jintuża għall-arja flok għall-ilma u l-arja tkun għaddejja l-ħin kollu fl-istrument. Dawn it-tliet strumenti tan-nifs biex insemmu lilhom, huma primittivi immens. Qed ngħidu li ġew minn komunitajiet oħra minn madwar il-Mediterran iżda t-teknoloġija ta' din it-tip ta' bagpipe jew aħjar ċirimella bil-Malti u ciaramedda filqiegħ tal-Italja, ilha teżisti sa





"Probabbli, ngħidulha żaqq, mis-Semitiku għax xi darba l-'q' kienet 'k' fil-Malti. Issa Zakk bil-Għarbi hi borraccia bit-Taljan; dak il-flixkun tal-ġild għall-ilma, li tixrob minnu meta tkun fid-deżert u jaqbdek l-għatx. Jiġifieri naraw ir-rabta bejn dan il-flixkun u ż-żaqq, għax it-tnejn fihom il-ġild

minn żmien ir-Rumani. Minn dak iż-żmien naraw pitturi ta' nies li daħħlu tnejn jew tliet strumenti f'ħalqhom, biex idoqqu f'salt, iżda kont trid tara kif tieħu n-nifs. Minn dak iż-żmien hemm ukoll ħjiel f'xi dokumenti Rumani li dawn l-istrumenti kienu l-ewwel forom primittivi ta' ċirimelli. Ovvjament, il-Griegi għandhom kultura eqdem minn tar-Rumani u din iċ-ċirimella Griega, li jgħidulha Tsambuna jew Askaulos hemm ċans illi tmur lura għal 2000 sena ilu. Kull pajjiż għandu ċirimella tiegħu iżda tagħna u tal-Griegi huma fost l-aktar għamliet antiki fid-dinja. Dawn kienu jintużaw f'kull tip ta' ċelebrazzjoni soċjali li tista' timmaġina, minn tiġijiet sa purċissjonijiet.

**Allura ċ-ċirimella nistgħu ngħidu li kienet l-ewwel strument tal-banda?**

Forsi aktar milli banda kien jindaqq waħdu jew ma' xi tanbur, mhux banda kif nafuha aħna. F'ċerti pajjiżi, li ddeċidew jinvestu iktar f'din it-teknoloġija, dan l-istrument mexa 'l quddiem. U kull meta nsemmu bagpipes, kulħadd jaħseb fl-Iskozja. Għax huma mxew tant li għandhom żewġ tipi ta' ċirimelli: il-Highland u l-Iscottish bagpipe. Infatti l-Iscottish bagpipe hi kemxejn aktar primittiva mill-Highland. Dawn tal-aħħar, huma dawk li naraw fit-tiġijiet u li jdoqqu l-iscouts u dan għax huma l-aktar ċirimelli evoluti fid-dinja. Xi darba, il-bagpipes kollha kienu bħal tagħna, għax tagħna hi waħda mill-aktar primittivi fid-dinja kollha.

**Iżda meta ngħidu tagħna, insibuhom xi mkien dawn?**

Ma nsibuhomx, għax f'pajjiżi bħal tagħna, kienu jintużaw mir-raħħala biss. Meta kien ikun hemm xi raħħal bravu, kien jiżviluppa l-istrument biex iżommu aġġornat maż-żminijiet. Fl-1700 kienu diġà bdew deħlin il-vjolini, il-mandolini u l-kitarri. Dawn kienu intunati, setgħu jiktbulhom il-karti u jagħmlu sinfoniji kbar bihom, jinstemgħu sbieħ ħafna; u int għandek strument primittiv li kważi lanqas biss tista' tużah imkien u jekk tkun imdorri tisma' din it-tip ta' mużika Klassika tibda tgħid kemm hu bla sens u allura ħadd ma jmur għall-antik. Mela tkun ġa bdejt it-triq għall-mewt. Fl-Ewropa, biex strument primittiv bħal dan iżommuh ħaj, irid ikollu modifiċi, biex tista' ddoqqu ma' xi kitarri. Ma ninsewx li l-qasab, fir-riħ isfel daqqa jdoqq mod u riħ fuq daqqa ma jdoqqx u tkun trid toqgħod issaħħnu biex idoqq sew. Għax bl-umdità u t-temperatura, il-qasab jiċċaqlaq.

Għall-ħabta tal-1900 f'Malta daħlet il-kitarra, bħall-organett u kulħadd beda jara lil dawn sbieħ u l-mużika tradizzjonali bħall-għana, bdiet issir bihom. Iżda dawn ma kinux il-mużika tradizzjonali li tmur għall-antik. Probabbli dik ftit nies jafu x'kienet. M'hemm xejn miktub. Kulma hemm tnaqqix u pitturi tad-daqqaq taż-żaqq; dejjem idoqq mat-tanbur. Kultant tissemma' xi flejguta fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, jew iż-żummara li kienu jaħdmu t-tfal, iżda ma kienet impittra qatt.

Sfortunatament, kull min jitla' f'komunità fejn jintużaw il-kitarrri u l-organett, imur għalihom peress li ħadd ma ddeċieda li dan l-istrument immexxih 'il quddiem. Ara l-Highland bagpipes għandek xi sitt strumenti jdoqqu f'salt minn basket wieħed. Tagħna m'għandux. Jiġifieri maż-żmien l-Iskoċċiżi bdew iżidu mal-istrument.

**Jiġifieri ż-żaqq mhux noti biss?**

Ikollok in-noti li ddoqq b'subgħajk minn fuq naħa, kif wkoll ieħor fuq in-naħa l-oħra li qed idoqq fl-isfond. Aħna ngħidulu d-dewwiema, li żżomm il-ħoss għaddej l-istess u ddoqq fuqu.

L-istrument primittiv tagħna, baqa' fl-istat tiegħu. Jiġifieri l-ħasra li ħadd ma investa fih u mexxieh, għenet. Fl-1970-80 kont issib ftit nies xjuħ li kienu għadhom kapaċi jagħmlu ċirimella u jdoqquha, iżda rari kienet tintuża. Bniedem biss kien għadu jaf kif issir, Toni Cachia il-Ħammarun min-Naxxar. L-oħrajn kienu xjaħu aktar u ftit baqgħu jiftakru x'kienu jdoqqu.

**Allura kif inġabret l-informazzjoni?**

Fis-snin 70 kien hawn l-istudjużi Karl Partridge u Frank Jeal, li meta skoprew l-istrument tant għoġobhom li intervistawh u ħeġġewh joħolqilhom wieħed. Marru b'dan għand ix-xjuħ li kienu jdoqqu u rrekordjawhom, iżda jew idejhom ma kinux jagħtuhom jew l-istrument ma kienx perfett. U forsi dawn ir-recordings huma l-aħħar ħjiel li fadal ta' x'kienet il-mużika tradizzjonali rurali biż-żaqq.... grazzi għall-barranin.

Imbagħad nies bħall-folkloristа Ġużi Gatt u Ruben Żahra, li l-aktar li jdoqq iż-żaqq, irnexxielhom isalvaw l-aħħar naqra li kien għad fadal, sakemm dan ix-xiħ, Toni Cachia, il-Ħammarun, miet xi 12-il sena ilu. Kien l-aħħar piper f'Malta, li kien jaħdimhom ukoll.

**Kif beda jdoqq iż-żaqq Rueben?**

Rueben hu mużiċist u jħobb il-folklor. Meta ltaqa' ma' Toni u l-istrument, interessa ruħu bħalma għamilt jien u beda jipprova jara kif jinħadem. Kien jgħin ukoll lil Toni Cachia biex jaħdmu wieħed flimkien u tgħallem idoqqu. Illum, l-affarijiet trid titgħallimhom waħdek, għax ma fadal ħadd. U terġa' dan Toni għamel ħajtu jdoqq l-istess melodija, għax għalih dik kienet biżżejjed. Missier Toni kien idoqq iż-żaqq ukoll u probabbli kien wiritha. Naturalment, maż-żmien ħadd ma ried ikompli jagħmilha, għax trid toqtol l-annimal, iddum ferm biex taħdem l-istrument, tikkonza l-ġilda bil-ġir u bil-melħ biex tippriservaha sew. U forsi mhux kulħadd kien lest għal dan kollu.

**U biex tagħmel żaqq, it-teknika tieħu ħafna?**

Proċess twil. Tradizzjonalment il-qasab jinħasad f'Jannar u Frar. Biex jinxef għandek sena u nofs u biex jissammam jieħu tlieta sa erba' snin. Jekk ikollok il-qasab ġa niexef, għandek bżonn ix-xema' tan-naħal, biex tgħaqqad l-affarijiet tas-saqqafa flimkien, il-qrejjen u l-gidi ħaj. Iż-żaqq tagħna hi l-unika waħda fid-dinja li tinħadem bl-annimal sħiħ. Jiġifieri ma kinux joqtluh biex jieħdu l-ġilda. Kienu jħanxrulu għonqu, jaqtgħulu rasu u jinstelaħ minn ġo għonqu, bl-għadam u l-intern kollu jrid joħroġ minn hemm. Hu proċess twil ta' xi erba' sigħat. Wara tikkonza l-ġilda, li tieħu mill-inqas xahrejn biex tisterelizzaha u dejjem jekk ma lqatthiex bil-mus u taqqabtha. Fl-aħħar mill-aħħar, trid tagħlaq it-toqob li jkollu. Kien jintuża annimal raġel, għax għandu inqas toqob. Kull fejn ikun hemm toqba trid tinħiet u tingħata x-xema' biex ma toħroġx arja. Anki d-dwiefer tal-erba' saqajn jinqalgħu u tiddaħħlilhom qasba biex tibqa' l-forma tas-sieq. Tlieta minnhom jingħalqu għalkollox u jsirulhom xi żigarelli jew ġmiemen biex jgħattu t-tiswija. Ir-raba' sieq titħalla miftuħa biex tonfoħ fiha għal ġos-saqqafa li ddoqq. Jiġifieri jekk tgħaġġel, għandek xhur biex tagħmel żaqq.

**Jiġifieri ż-żaqq hu l-iktar strument li fih xogħol? U trid tibqa' tieħu ħsiebu?**

Iva u l-materjali huma kalamita għall-insetti, l-aktar jekk tħalli l-ġild niedi barra. Naf b'wieħed li l-ġild dewwidlu. Jien inħalliha dejjem fl-istess kaxxa b'naqra silica gel biex tixrob l-umdu u nitfa' l-boċċi tal-kamla.

**Iżda llum għalxejn tagħmel żaqq meta ssib dawn l-istrumenti kollha?**

Vallapena, għax issa saret parti mill-wirt kulturali tagħna, għax kulma hi fossila li b'xi mod salvat. U jien qed nipprova nżommha ħajja. Iżda nixtieq niżviluppaha wkoll, biex jekk ikolli naħdem minnhom għal ħaddieħor, innaqqas ftit mill-uġigħ ta' ras li jġib miegħu dan l-istrument.

**Illum tara li jkun hawn żgħażagħ idoqqu dan l-istrument? Jew postu għandu jkun f'Mużew?**

Ma hawn ħadd. Kulma fadal il-Jackson, li għandu l-folk group biż-żaqq, Rueben Żahra bil-kompożizzjonijiet tiegħu u wieħed Pietru Pawl Farruġia, li jarma d-Dwejra Għawdex joqgħod idoqq lit-turisti. Il-Jackson jgħallem ukoll fl-Iskola tal-Mużika, għax missieru kien idoqqhom ukoll, iżda l-istess; dan għandu ż-żmien. Irnexxielu jiltaqa' ma' Toni Cachia u wiret mingħandu l-għarfien. Jien, lil Cachia ma lħaqtux ħaj. Issa li għandi l-istrumenti, nixtieq nivvinta d-diski, iżda ma nistax insib xi ħaġa tradizzjonali, għax m'għandna xejn. Ir-recordings tas-Sebgħinijiet ta' dawk ix-xjuħ idoqqu ż-żaqq, ma tantx hemm melodija fihom. Ir-raħħala ma kinux jagħtu kas ta' dan. L-importanti li jduru t-toroq u n-nies jagħtuhom xi flus.